



# Ħaġar Qim Mibni Biex Jimmarka l-Mixja tax-Xemx

*Kitba u riċerka ta' Mario Vassallo*

F'dawn l-aħħar 50 sena kien beda jqum ċertu interess dwar il-konnessjoni tax-xemx, il-qamar u l-kwiekeb mat-tempji ta' Żmien il-Ħaġar li jinsabu fil-Gżejjer Maltin. Dan ħa spinta meta fis-snin 70 u 80 kien ġie nnotat li t-tempju tan-nofsinhar tal-Imnajdra kien jimmarka l-bidu tal-istaġuni. Dan iseħħ minħabba li l-bieb ewlieni u l-passaġġ ċentrali tat-tempju kienu ppjanati mill-bennejja tat-tempji fuq il-mixja ta' tlugħ ix-xemx matul is-sena. Hekk insibu li fil-bidu tax-xitwa, (21 ta' Diċembru) tlugħ ix-xemx iseħħ mill-pożizzjoni tal-Lvant ix-Xlokk jew 119 grad mit-Tramuntana. Minn din il-pożizzjoni raġġ ta' dawl tax-xemx dejjaq jirnexxielu jgħaddi djagonali mill-bieb ewlieni tat-tempju u jdawwal ġebla wieqfa mqiegħda fuq il-lemin tal-passaġġ ċentrali fl-ewwel kamra (apsida). Fil-bidu tar-rebbiegħa (21 ta' Marzu) ix-xemx titla' mill-Lvant eżatt jew 90 grad f'pożizzjoni faċċata tal-bieb ewlieni u l-passaġġ ċentrali bil-konsegwenza li d-dawl dirett tagħha jibqa' dieħel tul it-tempju kollu. Fil-bidu tas-sajf (21 ta' Ġunju) ix-xemx titla' mil-Lvant Grigal jew 60 grad. L-ewwel raġġi minn tlugħ ix-xemx jgħaddu djagonalment mill-bieb ewlieni u jaqgħu fuq ġebla wieqfa u niċċa mibnijin fuq ix-xellug tal-passaġġ ċentrali fl-ewwel kamra. Wara s-sajf, tlugħ ix-xemx jerġa' jseħħ lejn il-Lvant, hekk li fil-ħarifa (23 ta' Settembru) ikun bħar-rebbiegħa eżatt. Imbagħad tasal ix-xitwa u hekk inkunu rajna ċ-ċiklu kollu ta' kif iseħħ tlugħ ix-xemx.





Minn riċerka li kont qiegħed nagħmel f'dawn l-aħħar 20 sena, irriżulta li mhux l-Imnajdra biss setgħet kienet mibnija b'konnessjoni max-xemx imma anke tempji oħrajn, fosthom Ħaġar Qim. Anzi dan tal-aħħar, mibni fuq il-ħotba tal-għolja, jista' jgawdi minn tlugħ u nżul ix-xemx is-sena kollha li jseħħu fuq xefaq ħafna 'l bogħod minnu.

Mir-riċerka jirriżulta li tlugħ ix-xemx tax-xitwa kien, għal xi raġuni, l-aktar wieħed importanti jew sagru għal din iċ-ċivilta preistorika. Allura l-aħjar li nibda minn daż-żmien tas-sena jew ftit qabel biex naraw kif Ħaġar Qim kien mibni biex jimmarka l-mixja tax-xemx matul is-sena.

Insibu li fis-26 t'Ottubru, tlugħ ix-xemx iseħħ fuq grad 105 mit-Tramuntana. Din il-pożizzjoni hija eżatt nofs triq bejn tlugħ ix-xemx tal-ħarifa (90 grad) u x-xitwa (119 grad). Minn din il-pożizzjoni, merżuq ta' dawl tax-xemx tiela', jirnexxielu jgħaddi djagonali mill-bieb ewlieni u jdawwal ġebla wieqfa magħrufa bħala l-artal sekondarju li tinsab fuq ix-xellug tal-passaġġ ċentrali. Fil-jiem ta wara x-xemx tkompli triqitha lejn ix-Xlokk sakemm jasal il-bidu tax-xitwa, u allura tkun fl-aktar pożizzjoni lejn ix-Xlokk, 119 grad. Hawnhekk insibu li l-ewwel raġġ minn







tlugħ ix-xemx idawwal l-altar ewlieni, mibni eżattament bejn l-altar sekondarju u l-passaġġ ċentrali. Wara ftit minuti dan ir-raġġ idur u jibda jdawwal il-passaġġ ċentrali ta' Ħaġar Qim. Fil-jiem ta' wara, tlugħ ix-xemx jibda mixjietu lejn il-Grigal sakemm insibu li fil-15 ta' Frar dan iseħħ mill-istess pożizzjoni ta' 105 grad u jkun l-aħħar ċans li r-raġġ tax-xemx jidħol mill-bieb ewlieni. Dan jiġri minħabba t-tkomplija tal-mixja tax-xemx lejn il-Grigal bil-konsegwenza li d-dawl ma jistax jgħaddi aktar mill-bieb ewlieni.

Wara xi ħames ġimgħat jasal l-istaġun tar-rebbiegħa fid-data tal-21 ta' Marzu. F'dan il-jum ix-xemx titla' mill-Lvant, 90 grad u tinżel fil-Punent, 270 grad. Milli jidher, il-bennejja tat-tempju fasslu l-pjanta b'tali mod li jimmarkaw dan il-jum permezz ta' nżul ix-xemx. Dan iseħħ kemm fil-kamra (numru 10 fuq il-pjanta ta' Evans) li għandha l-art mgħollija bi tliet tarġiet u kemm mill-bieb ta' wara tal-passaġġ ċentrali.

Hekk insibu li f'dan il-jum, l-aħħar raġġi ta' nżul ix-xemx jgħaddu b'mod djagonali mill-bieb tal-kamra numru 10 u jdawwlu r-rokna tax-xellug maġenb in-niċċa ċentrali li tinsab fl-istess kamra. Wara xi 30 jum, fl-20 t'April, ix-xemx tinżel fil-pożizzjoni 285 grad, li huwa nofs triq bejn il-bidu tar-rebbiegħa, 270 grad, u l-bidu tas-sajf, 300 grad. F'din il-pożizzjoni l-aħħar dawl ta' nżul ix-xemx idawwal in-naħa tax-xellug tan-niċċa ċentrali. Fil-jiem ta' wara nżul ix-xemx ikompli jseħħ aktar lejn il-Majjistral sakemm fil-bidu tas-sajf ikun eżattament faċċata tan-niċċa ċentrali. Hekk l-aħħar imrieżaq li jgħaddu mill-bieb tal-kamra, jgħaddu mit-tieqa tan-niċċa u jispiċċaw idawlu l-ispazju li jinsab fuq ġewwa. Fil-jiem ta' wara nżul ix-xemx jerġa' jaqbad triqatu lejn il-Punent sakemm fil-bidu tal-ħarifa, 23 ta' Settembru, 270 grad, ikun l-aħħar ċans li d-dawl ta' nżul ix-xemx jista' jgħaddi djagonalment mill-bieb tal-kamra numru 10.

Fl-istess żmien tas-sena l-aħħar raġġi minn inżul ix-xemx jgħaddu wkoll mill-bieb ta' wara tal-passaġġ ċentrali. Hekk naraw li fil-bidu tar-rebbiegħa l-aħħar mrieżaq ta' nżul ix-xemx jirnexxilhom jgħaddu b'mod djagonali mill-bieb u jdawwlu r-rokna bejn il-passaġġ ċentrali u ċ-ċint baxx ta' kamra numru 5. Fil-pożizzjoni 285 grad id-dawl ta' nżul ix-xemx idawwal il-post maġenb il-passaġġ ċentrali. Fil-bidu tas-sajf idawwal il-pasaġġ ċentrali minn wara imma qatt ma jasal sal-kmamar ta' quddiem ta' Ħaġar Qim għax ix-xemx tinżel wara l-għoljiet. Wara s-sajf kollox jerġa' bil-kontra sakemm fil-bidu tal-ħarifa ma jkunx jista' jidħol iżjed mill-bieb ta' wara.





Wara l-ħarifa tlugħ ix-xemx ikompli jqarreb lejn ix-Xlokk u meta jasal fil-pożizzjoni 105 grad jerġa' jibda jidħol mill-bieb ewlieni ta' Ħaġar Qim. B'hekk ikun reġa' beda ċiklu ieħor fl-immarkar tal-mixja tax-xemx.

Post ieħor fil-kumples ta' Ħaġar Qim li jimmarka l-mixja tax-xemx jinsab fl-ispazji numru 5, imdawwar minn ċint baxx. Hawnhekk m'hawnx xi bieb jew tieqa minn fejn jidħol id-dawl tax-xemx imma toqba fil-ħajt magħrufa bħala 'tal-Oraklu'. Hekk insibu li bejn il-bidu



tar-rebbiegħa u l-bidu tas-sajf, meta tlugħ ix-xemx ikun f'pożizzjoni 75 grad, dan jidħol mit-toqba u jaqa' fil-kantuniera taċ-ċint ta' spazju numru 5. Fil-bidu tas-sajf, 21 ta' Ġunju, ix-xemx tkun f'pożizzjoni 60 grad u l-ewwel dawl ta' tlugħ ix-xemx jgħaddi mit-toqba u jdawwal it-tarf taċ-ċint maġenb id-dħul għall-istess spazju 5. Wara ftit jiem ix-xemx terġa' taqbad triqitha lejn il-Lvant u allura terġa' tgħaddi minn grad 75 biex sakemm jasal il-bidu tal-ħarifa l-ebda dawl dirett tax-xemx ma jkun jista' jidħol mit-toqba.



Barra minn hekk l-arranġament tal-ġebel u l-pożizzjoni ta' din it-toqba juru biċ-ċar kemm il-bennejja tat-tempji kienu esperti fil-mixja tax-xemx fis-smewwiet u mgħallmin fl-ippjanar u tqegħid ta' kull ġebla bi preċiżjoni. Għaliex? Għax id-dawl tax-xemx li jgħaddi minn din it-toqba tonda mhux dejjem jasal f'forma tonda fuq iċ-ċint ta' ġewwa. Ġie osservat li 'l barra mit-toqba hemm ġebla wieqfa fuq kull naħa tagħha.

Issa meta x-xemx titla' faċċata eżatt tat-toqba jidħol minnha raġġ tond. Iżda meta x-xemx titla' ftit lejn il-lemin jew lejn ix-xellug tat-toqba jiġri li d-dawl tagħha jiġi mdellel mill-ġebla l-wieqfa bil-konsegwenza li fuq iċ-ċint ta' ġewwa jasal nofs tond jew inqas. Dan il-logħob bid-dawl tax-xemx mal-arranġamenti tal-ġebel mill-ewwel fakkarni fil-qamar li naraw fis-smewwiet, fejn daqqa jkun l-ewwel kwart, kwinta, l-aħħar kwart u qamar ġdid. Il-bennejja tat-tempji Maltin tant kienu bravi li rnexxielhom joħolqu xbihat tal-qamar bid-dawl ta' tlugħ ix-xemx li jseħħ bejn April u Awwissu ta' kull sena.

Minn dawn l-osservazzjonijiet li għamilt jidher ċar li din iċ-ċiviltà tal-qedem baqgħet tiżviluppa fil-ħsieb u fl-għerf dwar l-astronomija, b'mod partikolari iċ-ċaqliq tax-xemx. Jekk mill-Imnajdra rnexxielhom jagħmlu kalendarju tal-istaġuni bl-ewwel dawl ta' tlugħ ix-xemx, f'Ħaġar Qim żviluppaw l-istess ħsieb billi nqdew kemm bi tlugħ u kif ukoll bi nżul ix-xemx biex jimmarkaw iż-żmien tas-sena. Mhux hekk biss, imma ħolqu spazji differenti biex jimmarkaw ix-xitwa fl-apsidi ta' quddiem, ir-rebbiegħa, is-sajf u l-ħarifa fil-kamra numru 10 u l-bieb ta' wara, u anke ħolqu xbihat tal-qamar fi spazju numru 5 bid-dawl tax-xemx.

Għażiż qarrej, għandu mnejn dan l-artiklu sibtu tqil biex tifhmu bħalma kien diffiċli għalija biex nispjegah f'din il-kitba qasira. Però jekk jinteressak dan is-suġġett kull ma trid tagħmel hu li tmur Ħaġar Qim u tesperjenza dawn il-meravilji. Għandu mnejn tibqa' mistagħġeb fejn wassal l-għerf tal-bennejja tat-tempji, iktar minn ħamest elef sena ilu, fejn bit-twaqqif ta' ġebel f'postijiet preċiżi rnexxielhom jimmarkaw il-mixja li tagħmel ix-xemx matul sena ferm qabel ma kienu jingħaddu l-jiem, ix-xhur u s-snin.

Your Local
PETSHOP
FREE DELIVERY
Triq il-Biżantini,
Qrendi QRD 1802
**Tel: 2764 1515**
**Mob: 99990650**
**79701559**
*For all your pet needs*
When all boxes are filled
you get **€12.00** in goods